SEGRETARJAT PARLAMENTARI GHALL-IPPJANAR
U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

20, ta' Jannar 2016

L-Onor Dr Joseph Muscat
Prim Ministru

Ghaziz Prim Ministru,

Gentilment niktiblek wara t-tqeghid tar-Rapport tal-NAO fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rapprezentanti, rigwardanti l-espropju ta' 36, Triq Zekka, Valletta, illum 20 ta' Jannar 2016.

F'dan ir-rigward gentilment ippermettili nirreleva dan illi gej:

1. Ghal darba ohra nerga nichad kategorikament illi b'xi mod qatt indhalt f'xi negozjati, valutazzjonijiet jew proceduri ohra marbuta ma' dan il-kaz; oltre minn dak illi jsir f'kull kaz simili iehor u dana dejjem skond proceduri u policies stabbiliti li ilhom jigu segwiti ghexirien twal ta' snin.
2. Onestament, ghalkemm fi zmien qasir ma nistax ma nirrimarkax fuq l-inkonsistenza u l-kontradizzjonijiet illi fih l-istess rapport tal-NAO, fejn f'partijiet tieghu jallega li jiena "iffacilitajt" tali espropju u f'ohrajn jghid illi ma indhaltx bizzejjed. Nigbed biss l-attenzjoni ghall-paragrafu 6.2.11, fejn l-istess rapport ta' l-NAO litteralment jitqanzah biex jipprova jiggustifika il-konkluzjonijiet kontradittorji illi jipprova jasal ghalihom.
3. Ghal darba ohra nirreleva l-fatt, illi ma' nistghax nifhem kif ta l-anqas zgur id-data tat-tqeghid ta' dan ir-rapport, kif ukoll jidher il-kontenut tieghu gew zvelati <u>qabel</u> ma' dan l-istess rapport tqieghed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rapprezentanti illum 20 ta' Jannar 2016.
4. Insib skoncertanti il-fatt kif l-Ufficcju ta' l-NAO, intalab jinvestiga lilu innifsu dwar tali leakage; liema leakage gie attwalment ikkonfermat mill-istess ufficcju ta' l-NAO bit-tqeghid tar-Rapport illum; u dana kif zvelat minn gurnali jiem qabel u kif ukoll kif gie indikat b'diskorsi pubblici minn esponenti politici l-Hadd li ghadda.

Minkejja dan kollu, qieghed prezentament impoggi lili innifsi ghad-disposizjoni ta' kull decizjoni li inti joghgbok tiehu fl-ahjar interess ta' dan il-gvern, u aktar u

t +356 2200 1461 e planning@gov.mt | www.planning.gov.mt
+356 2200 1466

aktar fl-ahjar interess ta' dan il-pajjiz, illi jiena dejjem u anke fl-aktar mumenti difficli ghamilt minn kollox biex inservieh bl-aktar mod onest u sincier.

Inselli Ghalik

Dr Michael Falzon
Segretarju Parlamentari
Ghall-Ippjanar U Simplifikazzjoni Amministrattiva

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

20 ta' Jannar 2016

Onor Michael Falzon

Għeżież Michael,

Nirreferi ghall-ittra tieghek tal-lum li fiha poggejt lilek innifsek ghad-disposizzjoni ta' kull decizjoni tieghi wara r-rapport tal-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika, kif ukoll ghad-diskussjoni li kellna.

Permezz ta' din l-ittra, qed naccetta r-rizenja tieghek minn Segretarju Parlamentari.

Nixtieq nirringrazzjak tal-hidma bla heda tieghek u m' ghandix dubju li l-kapacitajiet tieghek se jibqghu ikunu ta' uzu ghal Gvern u ghal pajjiz fiz-zmien li gej.

Dejjem tieghek,

Joseph Muscat
Prim Ministru